MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 289/2001/1

**Alfen Trading Co. Limited**

**Vs**

**Emanuel Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm252.78 (mitejn u tnejn u hamsin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u konsenjata, kif ukoll thallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2001 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2001. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-istess konvenut iffirmata minnu stess (fol 26 tal-istess atti) u li biha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz.  A basi tal-premss, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm252.78,0 bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Jannar 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------